**PRIM'AWLA**

**TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 1233/2021**

***FRANCESCO SAMMUT U MARY SAMMUT***

***VS.***

***CHRISTOPHER SPITERI U PHILIPPA SPITERI CANN***

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa digriet dwar żewġ talbiet tal-atturi mressqa b'rikors tas-**17 ta' Jannar, 2022** (ara paġni 46 sa 47 tal-atti) sabiex din il-qorti tordna korrezzjoni fir-rikors maħluf biex dan ikun fih it-twissija msemmija fl-**artikolu 156(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u biex ir-rikors maħluf kif korrett b'din it-twissija jerġa' jiġi notifikat lill-konvenuti;

2. B'risposta tal-11 ta' Frar, 2022, il-konvenuti oġġezzjonaw għal din it-talba għaliex skont huma, korrezzjoni bħal din ma tistax issir skont l-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. L-**artikolu 156(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid hekk:

*«Kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.*

*Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.»*

4. F'dan il-każ l-atturi ippreżentaw rikors maħluf mingħajr din it-twissija. Minkejja li l-konvenuti rċevew ir-rikors maħluf mingħajr din it-twissija, huma xorta waħda ppreżentaw risposta maħlufa;

5. F'din ir-risposta maħlufa tagħhom il-konvenuti qalu li r-rikors maħluf huwa null għaliex ma kienx fih it-twissija li trid il-liġi;

6. Dan kollu meqjus, il-qorti titlaq billi tgħid illi hija ma taqbilx mal-konvenuti li l-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma jistax jintuża sabiex rikors maħluf li ma jkollux it-twissija jiġi mibdul b'rikors maħluf li jkollu din it-twissija. Anzi dan l-artikolu qiegħed hemm sewwasew biex isewwi nuqqasijiet proċedurali bħal dawn;

7. Huwa ċar li l-**artikolu 175 tal-Kap 12 ta' Liġijiet ta' Malta** jista' jitħaddem anke meta l-ħtieġa tal-korrezzjoni jew bidla tkun inqalgħet minħabba xi eċċezzjoni preliminari jew proċedurali li tkun qamet mill-konvenut, kif jidher li ġara fil-każ tal-lum. Dan huwa ovvju għaliex ma jagħmilx sens illi bidla tista' ssir jekk ma ssirx eċċezzjoni, imma bidla ma tistax ssir jekk tingħata l-eċċezzjoni (ara ***Elizabeth Anne Calabrese noe v. Ersilia Bigeni et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 1994). Sakemm dik l-eċċezzjoni ma tkunx dwar il-mertu tal-kawża u sakemm il-korrezzjoni mitluba ma tbiddilx is-sustanza tal-azzjoni, il-qorti tista' tinqeda bis-setgħat mogħtija lilha bl-**artikolu 175 tal-Kap 12 ta' Liġijiet ta' Malta**;

8. F'dan il-każ l-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors maħluf imqajma mill-konvenuti minħabba l-fatt li r-rikors maħluf ġie ppreżentat mingħajr it-twissija, mhijiex eċċezzjoni li tolqot il-qalba

tal-mertu tat-tilwima li hemm bejn il-partijiet imma tolqot biss kwistjoni ta' sura proċedurali. Għalhekk kwistjoni bħalma hija t-twissija li għandu jkun hemm f'rikors maħluf skont l-**artikolu 156(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** mhijiex kwistjoni li ma tistax tiġi msewwija bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 175 tal-Kap 12 ta' Liġijiet ta' Malta**;

9. Kemm hu hekk, mhux l-ewwel darba li l-qrati tagħna nqdew bl-**artikolu 175 tal-Kap 12 ta' Liġijiet ta' Malta** biex rikors maħluf mingħajr twissija jiġi mibdul b'rikors maħluf li jkun fih din it-twissija (ara pereżempju d-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***HSBC Malta plc v. Tribag Ltd et*** tat-13 ta' Mejju, 2008 u s-sentenza finali mogħtija fl-istess kawża tal-15 ta' Lulju, 2014);

10. Madankollu però f'dan il-każ ma jirriżultax li hemm bżonn li jkun hemm korrezzjoni fir-rikors maħluf;

11. Il-qorti tqis li anke mingħajr din it-twissija, il-konvenuti xorta waħda daħħlu r-risposta maħlufa tagħhom fit-terminu mogħti lilhom fil-liġi. Għalhekk ikun tassew telf ta' ħin u ħela ta' flus li l-qorti tawtorizza l-korrezzjoni u n-notifika mill-ġdid tar-rikors maħluf bit-twissija li huma għandhom għoxrin jum biex idaħħlu r-risposta maħlufa tagħhom. La r-risposta maħlufa tal-konvenuti daħlet, il-ħtieġa tat-twissija m'għadx hemm bżonnha;

12. Issa jekk ir-rikors maħluf għandux jitqies bħala null għaliex sar bla twissija, minkejja li r-risposta maħlufa saret xorta waħda, hija ħaġa li din il-qorti tkun trid tiddeċidiha b'sentenza, fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-**artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, jekk kemm-il darba l-konvenuti jibqgħu jinsistu fuq l-eċċezzjoni tan-nullità;

13. Għalissa b'dan id-digriet il-qorti qiegħda tgħid biss li l-korrezzjoni tar-rikors maħluf hija żejda la r-risposta maħlufa ġiet ippreżentata;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** iż-żewġ talbiet tal-atturi magħmula bir-rikors tas-17 ta' Jannar, 2022 sabiex ikun hemm korrezzjoni fir-rikors maħluf u biex issir notifika tar-rikors maħluf kif korrett;

**Digriet mogħti llum, nhar l-Erbgħa, 16 ta' Frar, 2022.**

__________________________

**Christian Falzon Scerri**

**Imħallef**

__________________________

**Mary Josephine Musu**

**Deputat Reġistratur**